**MALTA**

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR
## DR. ANNA MALLIA

Seduta tad-09 ta' Dicembru 2015.

Talba Numru: 46/2013

Numru fuq il-Lista: 27

**Alexander Trevisan detentur tal-karta tal-identita bin-numru 620782 (M )**

**vs.**

**HPS Trading Limited (C-33362) u**
**Hans Peter Schulte detentur ta' passaport bin-numru 4216120792 u martu Georgina Schulte (detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 24798 (A)**

It-Tribunal

Ra t-talba tal-attur imresqa fid-29 ta' Jannar 2013 li permezz taghha l-attur talab l-hlas ta' elfejn sebgha mija u wiehed u ghoxrin ewro (€2721) minghand l-intimati in solidum jew min minnhom u kif ukoll tordna lill-intimati solidalment flimkien jew min minnhom sabiex

ihallsu l-imghax legali ossia dawk ta' natura kummercjali ai termini tal-artikolu 26C tal-Kodici Kummercjali minn gheluq ix-xahar minn meta kellu jsir il-hlas u cioe mill-hdax (11) ta' Mejju 2012 sad-data tal-hlas effettiv; bl-ispejjez ta' din l-procedura u kif ukoll tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-artikolu 166A

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha rrispondew kif gej:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom; illi minghajr pregudizzju s-socjeta ntimata mhix l-legittimu kontradittur stante li x-xogholijiet li allegatament wettaq l-attur saru fuq dghajsa li tappartjeni lil Peter Schulte f'ismu proprju. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-verbal tat-2 ta' Marzu 2015 li permezz taghha t-Tribunal ta l-possibilita li jipprezetnaw nota t'osservazzjonijiet.

Ra l-verbal tat-08 ta' April, 2015 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ra l-atti inkluz x-xhieda u d-dokumentazzjoni esebita.

Ikkunsidra:

A fol 17 fl-affidavit **tieghu l-attur** jghid li jahdem bhala mechanical fitter u jaghmel engineering works fuq l-bastimenti u ilu f'dan ix-xoghol ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin. Jaf lil Peter Schulte u kien ghamillu xi xoghol qabel. Id-dghajsa tieghu jisimha Fastnet.

Fix-xhieda tieghu fol 10 l-attur xehed li Dok AT2 anness mal-affidvit tieghu preparaha huwa stess u li din l-fattura tirraprezenta x-xoghol li sar fuq l-magna ta' din id-dghajsa li kienet nieqsa mill-manutenzjoni u ghalhekk kellha bzonn hafna xoghol ta' service. Konsegwenza ta' dan kien hemm xi partijiet minn din l-magna li setghu jinqalghu u jigi rimpjazzat b'parts ohra filwaqt li parts ohrajn kellhom jigu mfassla mill-gdid u dan minhabba l-fatt li dan kien mudell antic u ma setghax isib l-parts kollha ghal din l-magna.

l-attur kompla jixhed (fol 10) li fejn fil-fattura hemm indikat 'expenses' dawn huma spejjez li nefaq biex jixtri diversi oggetti li ntuzaw f'din l-magna. Dwar l-item 'electrical work' fuq l-istess fattura, l-attur xehed li kellu jinkariga s-servizzi ta' persuna teknika ghaliex hu mhux tas-sengha u ghalhekk ma setghax jaghmel dan ix-xoghol ta' l-eletriku hu stess. L-attur jammetti li mis-somma ta' €3720.57c kien ircieva €1000 u ghalhekk fadal l-bilanc pendent.

in kontro-ezami a fol 57 l-attur spjega f'hiex kien jikkonsisti s-'service' li kienu ghamlu precedentement u li ma kienux taw stima izda thallsu. Ix-xogholijiet mertu tal-kawza gie inkarigat bihom xi xahar qabel d-data tal-fatturi a fol 24 li hija datata 11 ta' Mejju 2012. Ix-xoghol dam ghaddej gimgha u li stima ma ghaddewx lil Shulte. Jghid li r-rata tieghu hija ta'

tletin ewro (€30) fis-seigha u li l-parts dejjem kkomunika ma' Schulte qabel ma xtrahom jew bit-telephone jew b'email.

Spjega l-attur x-xoghol indikat li 'reconditioning of alternator' u sea water pump u l-firma tas-sid tad-dghajsa ma saritx ghax l-konvenut kien qed jitrattjeni biex ihallas.

A fol 12 xehed **Hans Peter Schulte** li jaf lill-attur li jammetti li l-attur ghamillu xi xogholijiet fuq id-dghajsa tieghu u li kien ircieva l-kont minghand l-attur ta' €3720.57c u li minnhom hallsu €1000. Xehed li meta sar ix-xoghol huwa kien rikoverat l-isptar u meta hareg mill-isptar d-dghajsa hadmet ghal xi ghaxart ijiem imbaghat waqfet ghal kollox. Xehed li lill-attur ma qallu xejn dwar dan ghax kien lahaq ircieva l-kawza.

Schulte jammetti li l-partijiet kienu ftehmu li huwa jhallas tax-xoghol tal-attur billi jistallalu under floor heating fl-appartament tieghu. Kien mar ghandu fl-appartament x-Xghajra u kien tah quotation ta' €2700 li wara l-quotation giet riveduta u hareg stima gida ta' €1800. Kien wara li l-attur ried skont iehor li i x-xhud ssugerixxa li dan jigi pacut bix-xghol li l-attur kien ghamel fil-magna tad-dghajsa. Meta mistoqsi jekk dan kienx ser jigi pacut bl-invoice Dok AT2 x-xhud wiegeb li mhux l-kaz ghax l-invoice hija datata Mejju 2012 u l-laqgha kienet saret f'/April cioe xahar qabel. Xehed li l-arranagament dejjem kien li huwa kellu problema bl-engine stop li kellha bzonn tigi riparata.

Meta mistoqsi jekk l-ammont tal-invoice cioe €1800 kienx l-ammont kollu li tieghu kien ser jigi kumpensat x-xhud wiegeb li le u dan ghax kien hemm problema bil-cooler u RPM tal-magna u wkoll bil-heat change li ddiskutew dan u l-attur kellu jivverifika jekk dawn jinstabux fis-suq u l-istima kienet ta' xi tmien mitt ewro (€800).

In kontro-ezami Schulte xehed li Xoghol ta' underfloor heating ma sarx ghax gie kancellat mill-attur wara li hareg l-'invoice' tal-11 ta' Mejju 2012.

Huwa jghid li certu affarijiet imnizla fl-'invoice huwa qed jikkontestahom ghax lanqas saru. Jghid ukoll li huwa qatt ma ta struzzjonijiet lill-attur biex jiccekja l-pompa tal-ilma, u lanqas qatt ma qallu biex jiccekja l-'gearbox cooling pipe' jew l-'fuel lift pump'. L-items l-ohra 'reconditioning of ' u 'replacement ' dawn saru fuq struzzjonijiet ghajr it-tlett affarijiet li semma.

A fol 27 xehed **Leonard Bugeja** u kkonferma li jaf d-dghajsa Fastnet u li forna lill-attur b'xi parts tal-magna Ford, b''heat exchanger' li hija apparat li jirrigwardja l-'cooling system' tal-magna, xi 'gauges', 'senders', erba fittings ghall-istess 'heat exchanger', 'flexible hydraulics' u xi 'filter'. U meta muri Fol 24 u 25 kkonferma li kien ssuplixxa wkoll li 'stop cable' u 'fuel holes'. Jghid pero' li d-dghajsa ma jafhiex u li whud kellhom jintuza fil-magna u ohrajn le. Jiftakar pero' li kien ddiskuta mal-attur dwar il-'heat exchanger' anke minhabba l-'capacity' tal-magna ta' din id-dghajsa. Jghid in konto-ezami li rcevuta ma jistghax jiprezenta ghax ghadu ma thallasx izda jista pero' jipprezenta fattura.

A fol 30 xehed **Alessio Aquilina** casual worker mad-ditta tal-attur Trevisan Engineering. U spjega x-xogholijiet li ghamlet fid-dghajsa Fastnet. Jghid li dawn ix-xogholijiet kienu jikkonsistu f'service, bidlu 'filters' tal-fuel u wkoll taz-zejt, l-'cooling pipes', kkontrollaw s-sea water pumps peress li dan irid isir f'kull service. Xehed li l-kundizzjoni tad-dghajsa kienet hazina hafna. Kienu bidlu l-pajpiijiet ghax ma kienux adattiati ghad-dghajsa u ghamluhom tal-molla cioe' 'the proper pipe for the proper job'. Kellhom diffikulta kbira biex jilhqu s-sump tal-magna u minhabba 'l-problemi li riskontraw kellhom anke joholqu ghoddod godda sabiex itellghu z-zejt u jirrangaw li kien hemm. Anke kienu jgibu l-pompi taghhom biex itellghu z-zejt mahmug li kien hemm sabiex ikun jista jinbidel bil-gdid.

Meta lestew kollox Peter Schulte kien hraeg d-dghajsa u saqha. U darba kien mal-attur meta cempel Peter Schulte u qallu li kien wieqaf fuq l-bahar u li kienu sabuh mal-moll tal-Forzi Armati u kull ma kellu kien li ma kellux fuel. Mar jixtri l-fuel u d-dghajsa startjat u telqet.

Sena wara Peter Schulte inkariga lill-attur biex jaghmel 'service' generali iehor u kellu jinbidel l-'heater tank' li kien inxtara minghand Lenard Bugeja. L-primary pump, u qalghu l-'manifold', s-'sensors' taz-ejt u tal-ilma, irrangaw l-'pipe' tal-*exhaust* ghax kien maqrus u ghamlu sistema tal-hadid mal-manifold peress li kienu rrangawh.

Waqt li kienu qed isiru dawn ix-xogholijiet cioe fil-fazi fejn kienu zarmaw biss d-dghajsa u kienu qed jistennew l-parts Schulte kien cempel lill-attur u qallu li Fastnet kienet qed teghereq izda meta marru sabu biss li kien hemm 'bilge pump' wahda li lanqas kienet qed tahdem. L-attur kien qal lix-xhud biex imorru jinstallawlu l-'bilge pump' l-gdida u meta waslu l-parts minn barra hu u l-attur marru biex jinstallaw dawn l-parts. Jghid li l-invoice Dok AA1 x-xogholijiet imsemiija fiha saru kollha.

in kontro-ezami 61 Alessio Aquilina spjega l-esperjenza tieghu fuq id-dghajjes u kkonferma x-xoghol li saru u ghaliex kien hemm bzonn li jsir dan ix-xoghol.

A fol 36 l-attur pprezenta nota guramentata bid-dokumenti A sa I. U a fol 67 pprezenta l-fattura mahruga minn Tradewise ghax-xogholijiet ta' dawl.

Provi konvenuti:-

A fol 73 xehed **Hans Peter Schulte** li pprezenta serje ta' ritratti li huwa rapport li hejja huwa stess dwar ix-xogholijiet li saru mill-attur fuq-idghajsa tieghu FastNet. Jghid li huwa difficlu jghid jekk verament sarx tibdil fiz-zejt u 'filter' u ghalhekk ser joqghod fuq li ghamel l-attur. Li x-xogholijiet fuq l-'alternator' ma sarux. Li t-'temperature gauge' ma kienx jahdem qabel ma sar is-'service' u wara li sar is-'service' l-'gauge' baqa ma jahdimx u ma kienx jindika t-tibdil fit-temperatura. Li l-'RPM counter' ma kienx qed jahdem. Li 'repair to the cable engine stop' jghid li meta ccekja ma mechanic iehor qalulu li l-fatt li kien hemm molla nieqsa meta d-dghajsa ticcaqlaq u minhabba l-vibrazzjonijiet tal-magna l-lever jaghlaq l-flow tal-fuel u l-magna tieqaf. Jghid li wara s-'service' kien ma jiflahx u d-dghajsa uzaha f'distanzi zghar

minn pontoon ghal iehor. Xehed ukoll li meta mar biex jistartja d-dghajsa kien ikollu jiccargja l-batterija ghal xi kwarta qabel jista jmur bid-dghajsa.

Jghid li veru li l-'heat exchanger sar' izda l-attur kien qallu li dan jiswa 550 ewro mentri iccargjah 740 ewro meta wiehed jista' jixtrih ghal 390 ewro u ghalhekk l-attur ccargjah eccessivament.

Rigward ix-xogholijiet fuq l-'bilge pump' Schulte jghid li dawn ma sarux sew. Li lill-attur ma tahx struzzjonijiet biex jaghmel x-xogholijiet f'item 2.6 ta' fol 6 tar-rapport.

Schulte jammetti li kien inkariga lil Jeffery Dickson biex jara d-dghajsa u jaghmillu x-xogholijiet li ghandha bzonn.

Jammetti li kien hemm diskussjoni dwar tpacija b'xoghol ta'' under floor heating' li l-attur kien imbaghad ikkancella.

Rapport u xhieda ta' **John Ross** a fol 88 et seq. fejn spejega li huwa spezjona d-dghajsa fl-24 ta' Frar 2014 u kkonferma l-konkluzjonijiet tar-rapport tieghu. Spjega fix-xhieda tieghu li ma jistghax ikun li sar xoghol fl-alternator u li ebda manutenzjoni jew xogholijiet riparatorji setghu saru fuq dan l-alternator minhabba li kien hemm hafna sadid u kien daneggjat. Huwa spjega kif wasal ghal konkluzjonijiet tieghu fir-rapport tieghu.

A fol 115 in kontro-ezami Ross  xehed li x-xogholijiet li saru mill-attur saru sentejn qabel ma huwa spezjona d-dghajsa u li ma jafx li Dickson kien ghamel xi xogholijiet fuqha.  Jghid li Schulte kelmu biex jaghmillu rapport fis-sena 2014 u kkonferma r-rapport  u l-konkluzjonijiet tieghu a fol 97.

A fol 115 in kontro-ezami John Ross kkonferma li kien fis-sena 2014 li huwa gie avvicinat minn Schulte u kkonferma li x-xogholijiet imwetqa mill-attur kienu saru xi sentejn qabel ma huwa ra d-dghajsa. Kkonferma wkoll li meta ra d-dghajsa d-dghajsa kienu qed isirulha xogholijiet .  Dwar l-'alternator' huwa spjega li huwa ghamel spezzjoni viziva minn barra biss u li l-intimat kien kkonferma mieghu li huwa ma kienx ta struzzjonijiet lill-attur biex jaghmel xi xogholijiet fis-sistema tal-'exhaust' tad-dghajsa. Meta mistoqsij dwar fol 101 tar-rapport tieghu Ross wiegeb li nizzel dak li huwa kkonstata meta ispezjoni d-dghajsa cioe' li ma kienux saru ebda xogholijiet qabel ma huwa ghamel dan fuq is-sitema tal-'exhaust'. Dwar l-alternator a fol 99 huwa kkonkluda li kieku saru dawn ix-xogholijiet dawn kienu jigu mnehhija, zarmati u x-xogholijiet jigu maghmula fuq l-partijiet interni tal-alternator u ghalih dawn ix-xogholijiet ma kienux saru qabel ma huwa ghamel l-ispezzjoni. Jammetti li l-konvenut kien qallu li d-dghajsa ilha ghal dawn l-ahhar sentejn fix-shipyard u li ma 'ntuzatx kemm ilha fix-'shipyard'.  Ross xehed li kien ra l-'alternator' msaddad hafna , daneggjat u l-'connections' tal-elettriku fi stat hazin hafna. Jghid li ilma ma kienx jidhol fid-dghajsa.

A fol 104 xhieda ta' **Geoffrey Dixon** bl-affidavit li xehed li huwa Chief engineer (Marine to 3000 Kw) u ghandu ghaxar snin esperjenza. Schulte kien kellmu fis-sena 2013 u talbu

jiccekja l-magna tad-dghajsa Fastnet ghax kellu xi problemi. Sabha 'in quite a mess' u kellu jaghmel xogholijiet riparatorji huwa stess fosthom l-pompa tal-ilma tal-bahar, li l-alternator ma giex mibdul fost l-ohrajn. Sab li l-gauges taz-zejt u tat-temperatura tal-ilma ma kienux jahdmu u meta Schulte urih l-'invoice' tal-attur kien ixxukjat. Huwa hadem hamsa u ghoxrin (25) siegha fuq id-dghajsa u ccargjah tletin ewro (€30) s-siegha. Huwa pprezenta l-invoice Dok GD2 u l-ircevuti tal-parts li xtara Dok GD1 u b'kollox ccargja €1377.66c u thallas ta' kollox minn Shulte. X-xogholijiet saru f'Mejju 2013.

Ra nota ta' sottomissjonijet tal-attur a fol 120 u l-ebda nota ma saret mill-konvenuti.

Ra l-verbal a fol 132 fejn l-avukati tal-partijiet ddikjaraw li qed jghalqu l-provi u awtorizzaw lil dan it-Tribunal jghaddi sabiex jaghti s-sentenza finali f'din it-talba.

Ikkundra ulterjorment:

**Eccezzjoni tas-socjeta intimata**

Jirrizulta li s-socjeta intimata cioe s-socjeta HPS Trading Limited giet imharka inutilment stante li ma jirrizulta li ghandha ebda rabta bejn l-attur u l-konvenut Schulte. L-'invoice' harget fuq Peter Schulte u mhux fuq is-socjeta konvenuta u l-attur ma kellu l-ebda komunikazzjoni u negozjati mas-socjeta konvenuta.

Kif gie rilevat fis-sentenza tal-**Prim Awla tal-Qorti Civili (per Imhallef Valenzia) fl-ismijiet Valenzia Av Michael Psaila noe vs Joseph Pace et deciza 3/10/2008 cit 1236/07** fejn il-Qorti irriteniet: "*Min jeccepixxi li hu mhux il-legittimu kontradittur jehtieg li jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu ma kienx dahal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'ghadx ghandu tali rapport.*"

Illi dan fl-umli fehma tat-Tribunal gie pruvat u ghalhekk din l-eccezzjoni fir-rigward tas-socjeta intimata ghandha tigi milqugha.

**Dwar il-mertu**

Li l-intimat kien inkariga lill-attur biex jaghmillu tiswijiet u 'service' fid-dghajsa tieghu 'Fastnet' u li din ma kienetx l-ewwel darba. Li l-bilanc li qed jippretendi l-attur huwa b'rizulta ta' dan l-appalt li kien hemm bejniethom.

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut Hans Peter Schulte kien hallas elf ewro (€1000) akkont meta ircieva l-kont minghand l-attur u effettivament din l-kawza qed issir ghal bilanc dovut ta' elfejn sebgha mija u wiehed u ghoxrin ewro (€2721). Il-fattura harget fil-11 ta' Mejju 2012 u x-xogholijiet l-partijiet jaqblu li saru xi xahar qabel.

Jirrizulta li fil-frattemp l-konvenut Schulte pprova jirranga biex jaghmel tpacija billi offra servizz ta' 'underfloor heating' izda n-negozju ma' sehhx.

Jirrizulta li sakemm l-attur istitwixxa dawn il-proceduri fi Frar tas-sena 2013 l-konvenut ma kien ha ebda passi dwar dak li kien qed jallega cioe' li l-ammont kien esagerat u li x-xogholijiet ma sarux skont l-arti u s-sengha; anzi mill-emails prodotti mill-attur Schulte qatt ma lmenta fuq x-xoghol u spejjez li saru mill-attur.

Jirrizulta li kien biss meta saret din l-kawza fi Frar 2013 li l-konvenut beda jiehu passi biex jipprova li l-attur ma haqqu xejn. Huwa pproduca diversi xhieda u dokumenti biex jiggustifka ghaliex l-ammont mhux dovut; pero' jinghad li l-'inspection report' ta certu John Ross huwa datat 24 ta' Frar 2014 cioe' kwazi sentejn wara li saru x-xogholijiet u wara li bdiet l-kawza u hija haga tal-iskantament kif dan ma sarx meta saru x-xogholijiet mill-attur filwaqt li l-ircevuti tal-ispejjez u xogholijiet li xehed dwarhom Geoffrey Dixon juru li dawn saru f'Mejju 2013 meta xehed li approwcjah l-konvenut Schulte. Dan sar ghalhekk tlett xhur wara li giet pprezentata din l-kawza.

Jirrizulta wkoll li ma saret ebda kontro-talba mill-intimat Schulte ghall-allegat danni sofferti minnu.

Dwar in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur, it-Tribunal jinnota li ghandu ragun l-attur meta jghid li x-xhieda prodotti mill-konvenuti ma kienux xhieda dikjarati izda jrid jinghad ukoll li l-attur ma ghamel xejn biex jitlob l-isfilz taghhom kif setgha ghamel.

It-talba tal-attur hija dwar bilanc dovut wara li gie inkarigat mill-konvenut Schulte biex jaghmillu xi xogholijiet fuq id-dghajsa tieghu fis-sena 2011. Dan premess, it-Tribunal joss li jkun opportun pero` illi tirreplika dawk il-principji guridici l-aktar sinjifikattivi in materja ta' appalt u cioe li:

(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez Vol XXVII pI p373**). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta`tax-xoghol tieghu" (**Kollez Vol XL pI p485**).

(2) "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (**Kollez. Vol XXXVII pIII p883**). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (**Mario Blackman -vs-Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).

(3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (**Kollez. Vol XLI pI p667**) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (**Kollez Vol XXV pI p727**). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax

hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (**Kollez. Vol XLII pII p1003**).

(4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (**Kollez. Vol XLI pII p892**);

(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' lobbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (**Kollez. Vol XXXVIII pI p292**).

(6) Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik irresponsabilita`kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor ilkommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2)).

Precizati s-suesposti konsiderazzjonijiet tad-dritt, li certament japplikaw ghal kaz in dizamina, ghal dak li jikkoncerna d-difiza tal-intimat Schulte li l-bilanc mhux dovut ghax l-attur ezewgixxa x-xoghol hazin.

Sabiex it-Tribunal jkun jista jaghmel dan, irid bilfors jikkonstata jekk l-intimat Schulte irnexxielux jipprova li sofra danni. Huwa principju pacifikament ricevut f'materja ta' Danni li "*biex ikun hemm lok ghar-responsabilita tad-danni hemm bzonn li min jitlobhom jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza imma li dak l-att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferit* kollez **XXX Vol. pIII p 142**

Il-fatt biss id-dikjarazzjoni jew ammissjoni tar-responsabilita ghad-danni ma jfisirx ta' bilfors li d-danneggjant ghandu jaghmel tajjeb ghal kull dannu pretiz. Hu pacifiku li l-ligi trid li min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu imma mhux aktar minn hekk **(Kollez vol L pl p150).**

It-Tribunal jinnota li l-intimat Sculte qatt ma talab lill-attur jaghmel xogholijiet rimedjali; li qabel ma bdiet il-kawza mill-attur l-intimat Schulte ma ghamel xejn u lanqas talab lil hadd biex isewwi x-xogholijiet li ghamel l-attur u l-provi mresqa mill-intimat Schulte ma jaghtu l-ebda sostenn li dak li qed jigi allegat sar b'konsegwenza diretta tax-xogholijiet u parts mwetqa mill-attur. Ma sar l-ebda ness bejn l-appalt u d-difetti riskontrati mill-intimat Schulte u dan kemm minhabba t-trapass taz-zmien u kif ukoll minhabba li ma saritx il-prova fil-grad rikjest mil-ligi li tali danni huma konsegwenza tal-allegat xoghol hazin li sar mill-attur.

Ir-rapport tal-perit tekniku ex parte John Ross iqieghedu fid-dubju dak li qed jallega l-intimat u dan stante li tali rapport sar sentejn wara x-xogholijiet li ghamel l-attur u wara x-xogholijiet li ghamel Geoffrey Dixon inkarigat mill-intimat. Jirrizulta wkoll anke mil-kontro-ezami tal-istess John Ross li d-dghajsa kienet inzammet ghal sentejn shah wara li saru x-xogholijiet mill-attur gewwa x-'shipyard' u li f'dawn is-sentejn qatt ma giet uzata.

Illi tenut kont tal-fatt li l-konstatazzjoni dwar jekk l-opra gietx esegwita skond l-arti u s-sengha hi materja ta' indole teknika, u dment li l-konkluzjonijiet tal-espert tekniku, f'dan il-kaz ex-parte, gew gravement imqieghda fid-dubju b'ragunijiet privi mill-kunsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami t-Tribunal ma jistghax jaccetta dawn l-konkluzjonijiet. Dan qed jinghad fil-kuntest li mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut ma ppruvax l-allegazzjoni tieghu fil-grad rikjest mil-ligi.

Illi jinghad ukoll li hadd mill-konvenuti ma kkontesta l-bilanc li qed jitlob l-hlas tieghu f'din l-kawza l-attur.

Ghaldaqstant ghal dawn l-motivi it-Tribunal jaqta u jeddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa l-eccezzjoni tal-intimati dwar li s-socjeta intimata mhix l-legittimu kontradittur u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, jichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-intimati u jilqa it-talbiet tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-intimat Hans Peter Schulte biss biex ihallas lill-attur is-somma ta' ta' elfejn sebgha mija u wiehed u ghoxrin ewro (€2721) kif ukoll jordna lill-istess Hans Peter Schulte sabiex ihallas l-imghax legali ossia dawk ta' natura kummercjali ai termini tal-artikolu 26C tal-Kodici Kummercjali minn gheluq ix-xahar minn meta kellu jsir il-hlas u cioe mill-hdax (11) ta' Mejju 2012 sad-data tal-hlas effettiv;

L-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-artikolu 166A huma a karigu tal-intimat Hans Peter Schulte filwaqt dawk tas-socjeta intimata ikunu a karigu tal-attur.

**Anna Mallia LL.M.(Lond)., LL.D., Dip. Tax**
Ġudikatur